MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 183/2002/1

kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Jannar 2001 fi Triq Reggie Miller, il-Gzira bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAA 836 misjuqa mill-attur Vincent Zahra u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAH 416 misjuqa mill-konvenut Anthony James.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed jiprocedi fi Triq Reggie Miller, il-Gzira u ried johrog ghal fuq Rue D'Argens. Meta wasal fit-tarf ta' Triq Reggie Miller huwa waqaf sabiex jistenna t-traffiku li kien ghaddej minn Triq Rue D'Argens jghaddi, halli jkun jista' johrog.Huwa kien ilu jistenna bejn tlieta u hames minuti. Waqt li kien wieqaf qed jistenna hass daqqa fuq il-bieba ta' wara tal-vann tieghu u nduna li l-konvenut kien laqtu waqt li kien hiereg bir-reverse mill-parking. Charles Chircop, ix-xhud prodott mill-attur, li nzerta kien parkeggjat man-naha l-ohra tat-triq minn fejn irreversja l-konvenut, ra l-incident isehh u kkorrobora il-verzjoni moghtija mill-attur.

Il-konvenut ikkonferma li kien hiereg mill-‘parking space’ b’lura, qal ukoll li waqt li kien miexi b’lura, ta l-‘first’ biex jaqla’ u sema’ daqqa. Huwa spjega li l-vettura tal-attur ma kienx raha qabel l-impatt u qal ukoll li malli nizel mill-vettura tieghu l-attur beda jghajjat li dahal fih u huwa rrisponda li kien l-attur li dahal fih u mhux ‘vice versa’. Skond il-konvenut il-hsara fiz-zewg vetturi kienet minima.

Illi fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta inekwivokabilment li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident ‘de quo’ u dan jinghad mhux biss ghaliex il-verzjoni tal-attur hija korroborata mix-xhieda ta’ Charles Chircop, izda anki ghaliex mix-xhieda tal-istess konvenut wiehed jinduna li huwa ma ezercitax il-kawtela neccessarja qabel ma ttenta johrog b’lura mill-‘parking space’. Huwa fil-fatt jammetti li l-vettura tal-attur ma kienx raha qabel l-impatt. Dan ifissser li huwa

qabad u indjetregga minghajr ma vverifika li b’din il-manuvra huwa ma kienx ser johloq xi ostakolu ghal vetturi ohra li kienu qed jiprocedi fit-triq jew li kienu jinsabu fit-triq. Huwa prova jimplika li l-attur irreversja ghal fuqu izda fl-istess nifs jghid li l-vettura tal-attur l-anqas biss raha qabel l-impatt. Il-konvenut esibixxa ritratt tal-hsara fil-vettura tal-attur. Din il-hsara tidher li hija kompatibbli mal-verzjoni tal-incident moghtija mill-attur stante li mill-iskizz relattiv jidher li l-vettura tal-attur kienet wieqfa angolata tipponta lejn il-lemin u mhux ghad-dritt.

Illi l-ammont reklamat mill-atturi ma giex kotestat u fi kwalunkwe kaz il-konvenuti esebew l-ircevuti relattivi ghall-hsarat minnhom reklamati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-18 ta’ Jannar 2001, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici Untours Insurance Agency Limited nomine is-somma ta’ tlett mija u hdax il-lira Maltin u digha u hamsin centezmu (Lm311.59) u lill-attur Vincent Zahra is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluza l-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Kap. 104, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**